**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 455/2009**

**Illum: 7 ta' Frar 2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Johann J. Fenech)**

**vs**

**Joswa Fenech**
**(ID 584083(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Joswa Fenech ta' 25 sena, bin Tarcisio u Salvina nee` Azzopardi, imwieled il-Pieta` fis-7 ta' Ottubru 1983, residenti Nru 84, Triq Santa Katarina, Qormi u detentur tal-karta tal-identita` numru 584083(M);

Akkuzat talli fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, Paola fit-3 ta' Ottubru 2008 u fil-jiem ta' qabel din id-data:

a) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew jipprokura d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, lil persuna jew persuni, jew ghal persuna jew persuni, minghajr ma kellu licenza mill-President ta' Malta, u minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija, minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-tabib principali tal-Gvern, skont id-disposizzjonijiet tas-sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellu licenza jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga, u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) Kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenza jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenza mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

c) Bhala persuna detenut gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, minghajr l-awtorita` legittima, dahhal jew ippruva jdahhal f'xi parti tal-konfini tal-habs, u cioe` fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, oggett ikun li jkun li hu specifikatament medicina perikoluza (droga erojina), liema oggett huwa projbit u dan bi ksur tal-Artikolu 7(1), (2) tal-Kap. 260 tal-Ligijiet ta' Malta u r-regolamenti maghmula taht l-istess ligi; u

d) Ittenta jaghmel reat kontra l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew hajjar jew gieghel persuna ohra taghmel dak ir-reat bi ksur tal-Artikolu 22(5) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni tal-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, kif ukoll il-kunsens tal-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kapitolu 9 sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Rat illi waqt l-ezami tieghu skont il-ligi, l-imputat wiegeb li mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu;

Rat illi l-partijiet iddikjaraw illi kienu qeghdin jezentaw lill-Qorti kif preseduta, milli terga' tisma' l-provi mressqa quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti li taw lok ghal dan il-kaz kienu s-segwenti: Nhar it-3 ta' Ottubru 2008, certu Matthew Agius mill-Fondazzjoni 'Mid-Dlam ghad-Dawl' mar gewwa s-Sezzjoni tad-Debituri fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin u hemmhekk halla *joystick* tal-*Playstation* ghal certu Sandro Mifsud, li dak iz-zmien kien detenut gewwa Divizjoni 13. L-ghada filghodu, nhar l-4 ta' Ottubru 2008, CO 140 Josef Bonnici u CO 180 Mario Ellul fethu l-*joystick* u fiha sabu oggett bhal ballun imdawwar bit-*tape* u mdahhal f'ingwanta jew bicca ingwanta tal-lastiku.

Mir-relazzjoni tal-espert, ix-Xjenzat Godwin Sammut, mahtur bhala espert fil-mori tal-inkjesta dwar dan il-kaz, jirrizulta illi nhar l-4 ta' Ottubru 2008, ghall-habta tas-6.10 p.m. huwa mar gewwa l-ufficju tal-Ispettur Johann J. Fenech gewwa l-Kwartieri Generali tal-Pulizija u hemmhekk gie muri *joystick* u borza tal-plastik li kien fiha trab ta' lewn kannella, li kienet tinsab fil-*joystick*. Skont l-istess relazzjoni, fl-estratt mehud mit-trab ta' lewn kannella fl-imsemmi dokument, instabet is-sustanza eroina. Il-piz tat-trab kien ta' 4.60 grammi u l-purita` kienet ta' cirka 28%.

Matthew Agius irrilaxxja zewg stqarrijiet, wahda nhar l-4 ta' Ottubru 2008 u l-ohra nhar il-15 ta' Dicembru 2008. Huwa kkonferma dawn l-istqarrijiet bil-gurament tieghu quddiem il-Magistrat Inkwirenti nhar is-16 ta' Dicembru 2008, ai termini

tal-Artikolu 24A(12) u (13) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta. L-istess Agius xehed ukoll f'dawn il-proceduri.

L-imputat odjern irrilaxxja stqarrija lill-pulizija nhar is-16 ta' Dicembru 2008. Id-difiza eccepiet l-inammissibilita` ta' din l-istqarrija, stante illi l-imputat ma kellux id-dritt li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tieghu.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Fl-ewwel lok, il-Qorti ser tqis liema provi huma inammissibbli f'dawn il-proceduri. Kif inghad, l-imputat irrilaxxja stqarrija lill-pulizija fis-16 ta' Dicembru 2008 u ghalhekk fiz-zmien meta l-ligi Maltija ma kinitx tipprovdi d-dritt lill-persuna suspettata jew arrestata illi tottjeni parir legali qabel l-interrogatorju taghha. Dan id-dritt dahal fis-sehh fl-10 ta' Frar 2010 permezz tal-Avviz Legali 35/2010. F'dan ir-rigward, il-posizzjoni legali llum hija wahda cara. Bizzejjed illi l-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tat-12 ta' Jannar 2016 fil-kaz **Mario Borg v. Malta**, kif ukoll ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **The Republic of Malta vs Chukwudi Samuel Onyeabor** tal-1 ta' Dicembru 2016, fejn hemmhekk il-Qorti ghamlet referenza ghal diversi sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali ossia **Carmel Saliba vs Avukat Ġenerali** tas-16 ta' Mejju 2016, **Stephen Nana Owusu vs Avukat Ġenerali** tat-30 ta' Mejju 2016, **Malcolm Said vs Avukat Ġenerali et** tal-24 ta' Gunju 2016 u **Aaron Cassar vs Avukat Ġenerali et** tal-11 ta' Lulju 2016 u ghaddiet sabiex tiddeciedi illi "*the denial of the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systemic restriction applicable to all accused persons must today be held to be in violation of the conditions for the admissibility of an accused's statement.*" Ghaldaqstant, la darba l-imputat ma nghatax id-dritt li jottjeni parir legali qabel irrilaxxja l-istqarrija tieghu, il-Qorti m'hijiex qed tqis tali stqarrija bhala ammissibbli u qeghda tiskartaha.[1] Naturalment, dan japplika wkoll ghax-xhieda tal-Ufficjal Prosekutur in kwantu din tirreferi ghal dak li stqarr mieghu l-imputat matul l-investigazzjoni tal-pulizija.

In kwantu dak li l-Ufficjal Prosekutur jixhed dwar dak li stqarru mieghu Sandro Mifsud u Georgette Fenech waqt l-istess investigazzjoni, il-Qorti tqis illi l-kontenut ta' dawn l-istqarrijiet huwa kolpit mid-disposizzjonijiet tal-Artikolu 661 tal-Kap. 9 ossia illi "*Konfessjoni ma taghmilx prova hlief kontra min jaghmilha, u mhix ta' pregudizzju ghal ebda persuna ohra*". Sandro Mifsud u Georgette Fenech baqghu

[1] Ara wkoll is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-23 ta' Frar 2017 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v Ramon Fenech.**

ma xehdux f'dawn il-proceduri u ghalhekk f'dan il-kaz, ma japplikawx id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 30A tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.[2]

Stabbiliti dawn il-principji procedurali u skartati dawk il-provi li huma inammissibbli, il-Qorti ser tghaddi biex tezamina l-provi rimanenti mressqa f'dawn il-proceduri.

Jibda biex jinghad illi m'hemmx dubju mill-provi prodotti illi fil-jum in kwistjoni ossia fit-3 ta' Ottubru 2008, ghall-habta tat-3.30 p.m. jew l-4.00 p.m., Matthew Agius mill-Fondazzjoni 'Mid-Dlam ghad-Dawl' ha *joystick* tal-*Playstation* gewwa s-Sezzjoni tad-Debituri fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin ghal Sandro Mifsud. Dan jirrizulta kemm mill-istqarrija guramentata tal-istess Matthew Agius u mix-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri, kif ukoll mix-xhieda tal-Maggur Mario Fabri u tal-Maggur Frans Agius li dakinhar kienu stazzjonati gewwa l-istess Sezzjoni.

Jirrizulta wkoll illi din il-*joystick* thalliet fuq xkaffa gewwa s-Sezzjoni tad-Debituri matul il-lejl u l-ghada ghall-habta tad-9.00 a.m., mar f'din is-Sezzjoni CO 180 Mario Ellul mid-Divizjoni 13 u qal lil CO 140 Josef Bonnici illi Sandro Mifsud kien qed jitlob *joystick* li thallietlu hemmhekk. Stante illi Ellul innota certa insistenza da parti ta' Mifsud li qajjmitlu suspett, fuq struzzjonijiet tal-Maggur Fabri, CO 140 u CO 180 fethu din il-*joystick* u fiha sabu bhal ballun imgezwer f'*tape* u mdahhal f'bicca ingwanta. Jirrizulta wkoll illi gie msejjah PC 133 Christopher Bonnici li dak iz-zmien kien jahdem bhala *SRT* gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin u dan ha l-*joystick* bil-kontenut tieghu gewwa l-Ghassa ta' Rahal Gdid. Mir-relazzjoni tal-espert Sammut jirrizulta illi d-dokument minnu analizzat kien jikkontjeni s-sustanza eroina.

Il-Maggur Agius esebixxa kopja tar-Registru tas-Sezzjoni tad-Debituri li turi l-oggetti li ddahlu ghad-detenuti nhar it-3 ta' Ottubru 2008 u ghal min dawn iddahhlu. Il-Maggur Fabri imbaghad ikkonferma li din kienet il-kitba tieghu u li kienet vera kopja tar-Registru li kellu quddiemu waqt ix-xhieda tieghu. Fil-fatt jirrizulta mid-dokumenti esebiti mill-Maggur Frans Agius illi taht id-data tat-3 ta' Ottubru 2008, hemm il-kliem "*10. SANDRO MIFSUD 1 Joystick*".[3] Jirrizulta wkoll mill-istess ktieb illi dan huwa l-ahhar oggett li tnizzel fil-jum in kwistjoni u ma jidhirx illi dakinhar iddahhlu *joysticks* ohrajn ghal xi detenuti.

---

[2] Skond l-Artikolu 30A tal-Kap. 101, minkejja d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 661 tal-Kap. 9, meta xi persuna tkun involuta f'xi reat kontra dik l-Ordinanza, kull dikjarazzjoni maghmula minn dik il-persuna u li tigi konfermata bil-gurament quddiem magistrat, tista tingieb bi prova kontra kull persuna ohra akkuzata b'reat kontra l-imsemmija Ordinanza, kemm il-darba jinstab li dik id-dikjarazzjoni tkun saret jew inghatat volontarjament u ma gietx imgieghla jew mehuda b'theddid jew biza', jew b'weghdiet jew twebbil ta' vantaggi.

[3] A fol. 155 tal-process.

Skont ix-xhieda tal-Maggur Mario Fabri, huwa ma rax lill-imputat odjern gewwa l-habs f'dawk il-jiem, u ghalkemm kien il-habs xi darba jew tnejn, sa fejn kien jaf hu, dan ma kienx il-habs fiz-zmien in kwistjoni. Effetivament lanqas ma jindika li kien jaf lill-imputat odjern meta gie mitlub jaghrafx lil xi hadd fl-awla. Il-Maggur Frans Agius jghid illi huwa jaf lill-imputat bhala detenut.

Fl-istqarrija minnu guramentata, Matthew Agius jghid illi huwa ma kienx jaf li l-*joystick* kien fiha d-droga u jghid ukoll illi Sandro Mifsud kien cempillu dik il-gimgha, it-Tlieta jew l-Erbgha u talbu jehodlu *control* tal-*playstation* u xi frott. Ftehmu li Agius kellu jehodlu kollox is-Sibt. Imbaghad Agius ikompli jispjega, kemm fl-istqarrija guramentata, kif ukoll fix-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri, illi huwa kien ircieva telefonata minghand Sandro Mifsud nhar il-Gimgha u dan qallu li kellu bzonn *joystick* tal-*playstation*. Wara li Agius qal lil Mifsud li ma setax jehodhielu dakinhar, l-istess Mifsud talbu biex jigbor din il-*joystick* minghand habiba tieghu, certa Georgette Fenech, li sa dakinhar tat-telefonata, ix-xhud ma kienx jaf x'jisimha. Jghid illi din it-tfajla haditlu l-*joystick* wara l-hin tax-xoghol tieghu, ghall-habta tat-2.45 p.m. u huwa baqa' sejjer biha l-habs, fejn qalulu li kien wasal tard u ghalhekk baghtuh lura. Hawnhekk irid jinghad illi fl-ewwel stqarrija tieghu, sussegwentement igguramentata minnu, Agius qal illi la darba wasal il-habs, staqsewh jekk Mifsud kellux *joystick* ohra u huwa wiegeb li ma kienx jaf u ghalhekk stante li detenut ma jistax ikollu izjed minn *console* wahda, baghtuh l'hemm. Fi kwalunkwe kaz, huwa mar lura d-dar bil-*joystick*, x'hin cempillu Mifsud u ghalkemm ix-xhud qallu li kien ser jehodhielu l-ghada, dan baqa' jinsisti u ghalhekk Agius rega' lura lejn il-habs, fejn din id-darba zammewlu l-*joystick*. L-ghada fil-ghodu huwa rcievha telefonata minghand l-Ispettur Fenech li nfurmah li fil-*joystick* kienet instabet id-droga eroina. Huwa ghadda lill-pulizija n-numru tat-tfajla li maghha kien ftiehem sabiex tghaddilu l-*joystick* qabel mar il-habs u wara xi zmien, regghu baghtu ghalih il-pulizja u minn fuq ritratt gharaf lit-tfajla li kienet ghaddietlu l-*joystick*. Kemm fix-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri, kif ukoll fl-istqarrija guramentata tieghu, huwa jghid illi din it-tfajla kien iltaqa' maghha xi xahar qabel u ghaddilha xi flus biex hija tghaddihom lil Mifsud gewwa l-habs. Jghid ukoll fix-xhieda tieghu illi meta ltaqghu t-tieni darba biex tghaddilu l-*joystick*, huma lanqas biss tkellmu hlief li ghaddietlu din il-*joystick*. Jghid in oltre fl-istqarrija guramentata tieghu illi kienet omm Sandro li kienet cemplitlu biex taghtih in-numru ta' din it-tfajla u li l-ewwel cemplilha hu, izda ma wegbitx u wara cemplitlu hi u ftehmu biex jiltaqghu dakinhar stess sabiex tghaddilu l-*joystick*. Fix-xhieda tieghu, Agius jikkonferma l-istqarrijiet li huwa kien ikkonferma bil-gurament tieghu, kif ukoll ir-ritratt tal-persuna li ghaddietlu l-*joystick*, li juri lil Georgette Fenech.

L-Ispettur Fenech jixhed illi mill-istharrig tieghu rrizultalu illi n-numru tac-cellullari li kien tah Matthew Agius ossia tat-tfajla li kienet ghaddietlu l-*joystick* kien ta' Georgette Fenech u illi nhar it-2 ta' Ottubru 2008, fuq dan in-numru kienu saru numru ta' telefonati min-numru 21808537, li wara huwa skopra li kien in-numru tal-*phonebox* li qeghda f'Divizjoni 13 fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, li fiha kienu jinsabu kemm Sandro Mifsud, kif ukoll l-imputat Joswa Fenech. Sussegwentement, Matthew Agius identifika lit-tfajla li ghaddietlu l-*joystick*, li rrizulta li kienet Georgette Fenech. L-Ispettur esebixxa *inter alia* dokument li skont hu, jikkonsisti f'lista ta' telefonati li saru minn gewwa l-habs minn Sandro Mifsud u mill-imputat odjern fit-2 ta' Ottubru 2008, kif ukoll ittra li ntbghatet lilu mill-kumpanija 'GO' li turi li n-numru 79900488 jghajjat lil Georgette Fenech u lista ta' *calls* li saru lejn jew minn dan in-numru bejn it-2 ta' Ottubru 2008 u l-4 ta' Ottubru 2008. Dokument JF 4 (a fol. 179 tal-process) juri lista ta' telefonati mill-habs mid-detenut J. Fenech bejn it-2 ta' Ottubru 2008 u l-4 ta' Ottubru 2008 lin-numru 79900488. Ittra minn Anthony Bonnici in rapprezentanza tal-GO Mobile tindika lil Georgette Fenech bhala *subscriber* tan-numru 79900488.[4] Fix-xhieda tieghu Anthony Bonnici in rapprezentanza tas-socjeta` Mobisle Communications Limited maghrufa bhala Go Mobile ikkonferma l-informazzjoni mghoddija minnu lill-pulizija. Da parti tieghu ASCO Clint Zahra ikkonferma l-listi ta' telefonati li hargu mill-habs, kif esebiti mill-Ispettur Fenech u jghid li dawn it-telefonati saru minn Sandro Mifsud u minn J. Fenech, li huwa ma ftakarx min hu.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi f'dan il-kaz, il-Qorti jidhrilha illi apparti li hemm nuqqas lampanti fic-*chain of evidence* in kwantu ma jirrizultax mill-atti kif il-*joystick* bil-kontenut taghha waslet gewwa l-ufficju tal-Ispettur Johann J. Fenech mill-Ghassa ta' Rahal Gdid, flimkien ma' nuqqasijiet ohrajn bhal per ezempju illi s-*Scene of the Crime Officer* PC 826 Matthew Parnis baqa' ma pprezentax ir-relazzjoni tieghu, bir-rizultat ghalhekk illi l-Qorti ma tistax tikkonkludi, fil-grad rikjest mil-ligi, illi dak li gie analizzat mill-espert forensiku kien dak li nstab gewwa l-*joystick* miftuha fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin nhar l-4 ta' Ottubru 2008, fi kwalunkwe kaz tqis ukoll illi m'hemmx provi sufficjenti fl-atti li jorbtu lill-imputat odjern mal-*joystick* in kwistjoni.

Matthew Agius jghid illi huwa kien dahhal il-*joystick* in kwistjoni gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin fuq talba ta' Sandro Mifsud u li din giet mghoddija lilu minn Georgette Fenech. Anke jekk ghall-grazzja tal-argument, il-Qorti

[4] Ara l-ittra esebita a fol. 180 tal-process.

taccetta illi l-imputat odjern ghamel numru ta' telefonati lil Georgette Fenech fuq ic-cellulari taghha nhar it-2 ta' Ottubru 2008, zgur illi dan wahdu ma jistax jorbot lill-imputat mad-dhul tal-*joystick* in kwistjoni gewwa l-habs nhar it-3 ta' Ottubru 2008. Effettivament, il-Qorti tinnota illi anke minn dan il-lat il-provi huma monki, ghaliex t-telefonati li saru fuq in-numru 79900488 saru minn 'J. Fenech', dak iz-zmien detenut, izda ASCO Clint Zammit ma ftakarx minn min saru dawn it-telefonati. Il-Qorti tinnota wkoll illi lanqas jirrizulta car mill-atti illi l-imputat odjern kien detenut gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin fiz-zmien in kwistjoni, hlief mix-xhieda tal-Ispettur Fenech li certament m'hijiex l-ahjar prova li setghet tingab f'dan ir-rigward.

Ghaldaqstant, la darba giet skartata l-istqarrija tal-imputat ghar-ragunijiet fuq indikati, mir-rimanenti provi ma jirrizultax in-ness bejn il-*joystick* in kwistjoni u l-imputat odjern, kif wara kollox tirrikonoxxi wkoll il-Prosekuzzjoni fis-sottomissjonijiet finali taghha u konsegwentement, il-Qorti tqis illi l-imputazzjonijiet (a), (c) u (d) ma jirrizultawx ippruvati, kif lanqas ma tirrizulta ppruvata l-imputazzjoni (b).

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qed issib lill-imputat Joswa Fenech mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u qeghda tilliberah minnhom.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat